20 ta' Frar, 1948

**Imħallef:**

L-Onor. Dr A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Giuseppe Bugeja Bonnici *versus* Carmelo Grima

## Spoll — Pussess — Possessorju u Petitorju.

*L-azzjoni ta' spoll tmiss mhux biss lil min għandu d-detenzjoni materjali tal-fond, imma anki lil min għandu sempliċement dritt ta' l-użu ta' dak il-fond għal skop determinat; għax b'din l-azzjoni huma protetti anki d-drittijiet inkorporali.*

*Huwa veru li fil-possessorju mhux permess li jiġi kommentat il-petitorju; imma dan il-prinċipju mhux ta' applikazzjoni ħekk assoluta sal-pont li fil-ġudizzju possessorju ma jistgħux jiġu eżaminati titoli li, għalkemm ikunu bażi ta' drittijiet esperibili f'sedi petitorja, huma fl-istess ħin neċessarji biex il-ġudikant jara jekk l-azzjoni possessorja hix ammissibili jew le.*

*Dana l-eżami però ma għandux jivversa fuq l-effikaċja u l-effetti ġuridiċi tad-dokument, imma sempliċement fuq il-prova li minnu tkun tista' titnissel biex l-att li jkun ġie magħmul ikun jista' jiġi kwalifikat jew le bħala att kundannabili għall-finijiet ta' l-"actio spolii".*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab li, wara li jkunu premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedi-

menti opportuni, billi hu huwa possessur, a skop ta' nsib u kaċċa, tat-terren "tad-dar" fil-kuntrada ta' Għajn Tuta, limiti tal-Mellieħa, porzjoni sittax fil-kotba tat-Teżor, peress li kien ħadu in lokazzjoni għal żmien tlieta u għoxrin sena mill-15 ta' Awissu 1929, skond kuntratt dok. A; u billi l-*konvenut* qiegħed jikkostruwixxi mansab fl-istess terren fuq imsemmi, u b'hekk qiegħed jiddisturba l-pussess tiegħu; il-konvenut jiġi kundannat jirreintegralu fil-pussess, a skop ta' kaċċa u nsib, tal-fuq imsemmi terren, billi jiġi kundannat jirrimwovi l-imsemmi mansab fi żmien qasir u perentorju. Bl-ispejjeż, komprizi dawk tal-mandat ta' *inibizzjoni* tal-15 ta' April 1947, kontra l-konvenut;"

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-kwistjoni prinċipali bejn il-kontendenti hija bażata fuq azzjoni ta' reintegrazzjoni, in kwantu l-attur, li skond il-kuntratt magħmul *fl-attijiet tan-Nutar Emmanuele Agius* fl-1 ta' Ġunju 1929 kien ħa dan it-terren minn għand Ġanni Grima, bin il-mejjet Grezzju, u Rosa armla mill-istess Grezzju Grima, b'titolu ta' lokazzjoni ta' l-użu ta' l-imnasab kollha eżistenti allura u ta' oħrajn li fil-futur kellhom jiġu eretti fuq l-art fil-limiti tal-Mellieħa, kuntrada "ta' Għajn Tuta", denominata "*tad-dar*" u *reġistrata fil-kotba tat-Teżor bin-numru* 16, kif ukoll id-dritt ta' l-użu għall-iskop tal-kaċċa fuq l-istess terren għaż-żmien hemm imsemmi, jippretendi li ġie ngurjat fid-dritt tiegħu billi l-konvenut tella' fuq parti minn dik l-art dura għall-insib, fiż-żmien xahrejn qabel ma saret iċ-ċitazzjoni. Barra minn dina l-kwistjoni kien hemm kwistjoni, biex inseiħulha hekk, *inċidentali, billi l-konvenut*, wara li sar il-mandat ta' l-inibizzjoni tal-15 ta' April 1947, mar fuq il-post bil-kelb tal-kaċċa u bl-ixkubetta, bla ma spara jew użaha, u, kif jippretendi l-attur, fixkel bl-aġir tiegħu lill-istess attur waqt li kien qiegħed jonsob; imma dina l-kwistjoni, wara li għaddew l-ewwel eċċitamenti provokati mill-kawża, ġiet imqiegħda *fil-ġenb mill-partijiet bil-kunsens komuni*, kif jidher mill-attijiet tal-kawża;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi wara li għidna dan jingħad illi d-dritt li l-attur irid li jkun protett kontra l-vjolenza, jew l-inizju ta' vjolenza, allegata, huwa mhux id-detenzjoni ta' l-appezzamenti nsemmija, imma d-dritt ta' l-użu għall-kaċċa, u konsegwenti negazzjoni ta' dak id-dritt minn ħadd ieħor, ikun min ikun, fuq dawk l-appezzamenti. Fil-ħsieb ta' din il-Qorti, peress li l-eżerċizzju ta' dana d-dritt mhux kontinwu per natura tiegħu stess, għal raġunijiet ċari l-istess jipparteċipa mid-drittijiet inkorporali, li, għalkemm dottrinalment huwa diskuss ħafna jistgħux ikunu *protetti bir-reintegranda*, hija opinjoni prevalenti ta' l-aħjar skritturi tad-Dritt li l-istess għandhom ikunu protetti, jekk il-pussess tagħhom in ġenere jkun jeżisti. U ma' dina l-opinjoni prevalenti taqbel din l-istess Qorti;

Illi jingħad ukoll li fil-każ tad-drittijiet inkorporali d-detenzjoni materjali mhux għall-finijiet tal-pussess possibili; u kwindi xejn ma għandu jimpressjona li l-attur ma kellux materjalment, għalkemm legalment, kif sejjer jiġi muri aktar tard, il-pussess materjali ta' l-apprezzamenti "de quo dicimus";

Illi l-konvenut Carmelo Grech oppona li l-kuntratt magħmul in atti Agius fuq imsemmi huwa għalih "res inter alios acta", il-għaliex huwa qatt ma ta lill-ommu Rosa armla ta' Grezzju Grima kunsens sabiex taddivjeni għal dak il-kuntratt, li jallega li ma setgħetx tagħmel. Fuq dina l-kwerela tal-konvenut dina l-Qorti tħoss li għandha tosserva illi hija regola li ma hux permess li fil-possessorju jkun kommentat il-petitorju, għalkemm anki fil-ġurisprudenza tagħna, fil-każi ta' atti ta' pussess ekwivoċi, fil-proċess "di spoglio" ġie li taw każi fejn ġie sospiż il-proċess possessorju sa ma ġie deċiż il-proċess petitorju (ara Appell 1 ta' Marzu 1869 in re "Butigieg et. versus Fra Filippo minn Malta, O.F.M. et.", Vol. V, paġ. 50, u Prim'Awla Ċivili 27 ta Ottubru 1905, "Farrugia vs. Busuttil", Vol. XIX, P. II, paġ. 99 u oħrajn). Tant dik ir-regola hija ntiża fl-applikazzjoni tagħha illi ġie deċiż li fil-materja ta' azzjoni ta' l-"ispoglio" ma għandhiex tiġi ordnata l-konnessjoni u kontestwali trattazzjoni ta' żewġ kawżi li waħda tkun tal-pussess u l-oħra petitorja (ara P.A. Ċivili 26 ta' Jannar 1883, in re "Camilleri vs. Giglio et.", Vol. X, paġ. 55);

Daka l-prinċipju però, mhux ta' applikazzjoni assoluta salpunt li għandu jeskludi li fil-ġudizzju possessorju jkunu eża-

minati *titoli li. għalkemm ikunu* bażi ta' dritt esperibili fis-sedi petitorja, huma fl-istess ħin neċessarji sabiex il-ġudikant jara jekk azzjoni possessorja hijiex jew le ammissibili; u dan għandu jsir għall-fini biss ta' l-ammissjoni jew esklużjoni ta' dik l-azzjoni. Infatti, meta minn dokument jew titolu kostitutiv ta' dritt, jew traslativ ta' proprjetà, jistgħu jiġu rikavati anki provi u argumenti valevoli sabiex tiġi stabbilita jew eskluża xi waħda mill-kondizzjonijiet neċessarji għall-eżerċizzju ta' azzjoni possessorja, allura dana l-eżami mhux biss jista' jsir, *imma għandu jsir. Fi ftit kliem*, l-eżami tad-dokument ma għandux jivversa fuq l-effikaċja u l-effetti ġuridiċi tiegħu, imma sempliċement fuq il-prova li minnu tkun tista' titnissel sabiex l-att li jkun ġie magħmul ikun jista' jikkwalifika ruħu, jew ma jikkwalifikax ruħu, bħala att kundannabili jew le għall-finijiet ta' l-"actio spolii";

Tikkunsidra;

Illi l-kwerela tal-konvenut li dak it-titolu, li minnu "prima facie" jidher id-dritt ta' l-attur, mhux validu, fil-ħsieb ta' *dina l-Qorti tintitolah jirrivendika l-libertà ta' l-oġġett lokatizju*, imma ma jħassarx il-pussess fl-attur ta' dak id-dritt ta' natura nkorporali li minnu jitnissel. Infatti, skond il-prinċipji legali, il-pussess jista' jitnissel anki minn titolu null. Jingħad li tabilħaqq tant hu hekk li fil-liġi 1 § 4 Dig. "De adquir. posses." rigward l-effett tad-donazzjoni bejn il-miżżewġin :— "Si vir uxori cedit possessionem donationis causa plerique putavit possidere eum quoniam res facti infirmari jure civili non potest. Et quid attinet dicere non possidere mulierem cum *maritus ubi noluit possidere protinus amiserit possessionem*";

Illi minn dana li għidna jitnissel li l-attur għandu l-pussess, u l-konvenut, li jikkontesta dak l-istess pussess bl-eċċezzjoni li huwa oppona ma jibqagħlux ħlief li jaġixxi se maj in petitorju ħalli jirrivendika l-libertà tal-fond tiegħu;

Illi fil-fatt l-erezzjoni ta' mansab fuq ir-riħ ta' dak ta' l-attur, meta l-attur fuq l-art fejn jkun tela l-mansab ġdid għandu drittijiet ta' użu għall-kaċċa, fil-ħsieb ta' din il-Qorti, *jikkostitwixxi* spoll u vjolenza li għandha tkun riparata bir-reintegranda; u dana apparti l-fatt tal-preżenza tal-konvenut bl-ixkubetta u l-kelb fuq dik l-istess art hekk suġġetta għad-

dritt ta' l-attur fl-epoka ta' l-insib, li per sè tikkostitwixxi vjolenza;

Illi jingħad però, li in vista tal-fattispeċje tal-kawża, li huwa speċjali ħafna, huwa ġust li jkun hemm xi temperament fl-ispejjeż;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attur, u tikkundanna lill-konvenut, in vija ta' reintegrazzjoni tad-drittijiet tiegħu, jirrimwovi fi żmien għaxart ijiem id-dura li tella' — riżervata lilu l-azzjoni petitorja. L-ispejjeż jitħallsu kollha mill-konvenut, barra minn dawk ta' l-aċċess, li jiġu sopportati nofs kull wieħed bejn il-kontendenti.